# NIES LI GĦALIHOM HUMA MSEMMIJIN XI TOROQ FIN-NADUR

## SAN BLAS

Triq San Blas tibda minn kważi, kważi l-qalba tan-Nadur, tgħaddi mill-parti t'isfel minn ġenb ta' wied li jġib l-istess isem u tispiċċa f'bajja. Hi triq relattivament twila li ġo fiha jiżbukkaw fost l-oħrajn it-toroq Dun Ġużepp Vella, Ġużè Ellul Mercer, il-Qiegħa, Torri Sopu, Daħlet Qorrot, Wied ir-Riħan u t-trejqa li tieħu għal dak li qabel kien l-istazzjon militari.

L-isem tagħha ġej mill-antik, jiġifieri mill-kappella li fl-1746 kienu għadhom jidhru l-pedamenti tagħha. Din kienet iddedikata lil San Blas u sa llum għad hemm niċċa bi statwa tiegħu fl-għoli fuq post privat fl-istess triq.

Mill-parti tat-triq li tiġi fuq il-wied hemm veduta sabiħa ta' siġar tal-frott irqiq f'egħlieqi mtarrġin kollhom qnieneċ li jwasslu sax-xtajta. Din ix-xtajta, baxxa, ramlija u ċagħqija fl-istess ħin, hi mkenna min-naħa l-waħda mill-Ġebel tal-Mistra jew ir-Rdum il-Kbir u min-naħa l-oħra mill-Irdum tal-Ħawt li jsebbħu ħafna lill-ġmiel ta' din il-bajja. Hawn wieħed isib l-aktar ġnien antik t'Għawdex. Fih kien hemm żewġ għejun ta' ilma ġieri.

Ta' min jgħid li r-residenti ta' din it-triq huma fil-maġġoranza tagħhom bdiewa u nies konnessi mas-safar.

## ARĊIPRIET SAVER CASSAR

Triq oħra fin-Nadur hi dik li ġġib l-isem ta' l-Arċipriet Saver Cassar. Dan il-personaġġ twieled fid-29 ta' Diċembru 1746, bin Mikiel u Marjuzza Cassar. Ġie mgħammed in-Nadur. L-Arċipriet tal-Matriċi u ta' San Ġorġ il-Kan. Giacomo Galea li kien jiġi ħu ommu, ħajru għas-saċerdozju u bagħtu jistudja f'Ruma fejn ġie llawrjat duttur fit-teoloġija u fejn, meta kien għadu jistudja, ġie maħtur bil-prokura arċipriet minflok zijuh.

Ġie ordnat qassis f'Ruma fit-30 ta' Marzu 1771 mill-Patrijarka ta' Lixandra, Francesco Mattei. Bla dubju dal-qalbieni qassis kien wieħed mill-aqwa wlied li qatt twieldu f'Għawdex, bniedem qalbieni u saċerdot eżemplari [1]. Bħala Arċipriet u Vigarju ta' l-Isqof Labini kellu ħafna x'jagħmel, iżda mhux tant li jinsa l-obbligu li kellu lejn il-merħla Għawdxija li kienet fdata f'idejh.

Tant, li meta l-Franċiżi rebħu lil Għawdex fl-10 ta' Ġunju 1798 hu niżel bla biża' ta' xejn fit-Tiġrija tar-Rabat biex jitlob lill-Ġeneral Reynier li kien riesaq fuq ir-Rabat biex ma jaħqarx lill-Għawdxin. Il-Kmandant Franċiż wiegħed dak li talab l-Arċipriet, iżda mid-dehra ftit żamm kelmtu, għax tliet xhur wara - jiġifieri f'Settembru - l-Għawdxin imgħaddba għall-Franċiżi, qamu kontra tagħhom u asseddjawhom fil-Kastell tar-Rabat u ġo Chambray. Il-kbarat Għawdxin f'laqgħa li għamlu fil-Banca Giuratale fit-Tokk ħatru lill-Arċipriet Cassar bħala Kap tal-Gvern proviżorju u l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati. L-Arċipriet dlonk medd għonqu biex jaqdi d-dmirijiet ġodda u ħaseb biex iġib ikel biżżejjed għall-Għawdxin u bagħat lil Dr. F. Pace Sqallija biex jixtri l-ikel li kien hemm bżonn. Kien jigverna lil Għawdex minn fuq il-għolja ta' Gelmus u minn hemm kien jordna kemm qamħ kien imiss lil kull raħal. Ħaseb ukoll biex jaqta' kull komunikazzjoni bejn il-Franċiżi f'Chambray u dawk ta' Malta billi għammar lit-torri tal-Qawra b'suldati Għawdxin. Hu nnifsu kien spiss idur l-irħula jqawwi qalb in-nies u jagħti l-ordnijiet lill-kmandanti.

Kif kien kap tal-Gvern u tal-Knisja f'Għawdex hu ħaseb biex jagħmel diversi petizzjonijiet fl-esteru biex din il-gżira tinqata' djoċesi għaliha - idea li seħħet xi sittin sena wara mewtu. Ta' bniedem dehni li kien, mill-ewwel għaraf li waħdu ma seta' jagħmel xejn u għalhekk talab l-għajnuna; l-Arċipriet kiteb lil Captain Bull tal-flotta Ingliża. Fti-28 t'Ottubru il-Franċiżi ċedew bl-unuri kollha u ġew meħuda fuq żewġ fregati Ingliżi. L-Arċipriet Saver Cassar miet fis-16 ta' Diċembru 1805.

## ĠUŻÈ ELLUL MERCER

Għidna li t-triq Ġużè Ellul Mercer tiżbokka fi triq San Blas. Min kien dan il-bniedem? Hu kien skrittur u politiku .[2] Twieled fl-Imsida fit-22 ta' Marzu 1897 u studja fil-Liċeo u fl-Universita ta' Malta. Fl-1919 daħal fil-politika fi ħdan il-Partit tal-Ħaddiema u ġie elett fil-Parlament fl-1951, 1953 u l-1955. Inħatar Ministru tax-Xogħol u aġixxa ta' Prim Ministru għal tliet darbiet.

Ġużè Ellul Mercer kien inħatar membru ta' delegazzjoni f'Londra u darb' oħra f'Ruma. Fil-ġlieda politiko-reliġjuża bejn il-Malta Labour Party u l-Knisja kien ġie interdettjat. Miet għal għarrieda fid-dar tiegħu f'tas-Sliema bejn is-16 u t-18 ta'Settembru 1961. Fl-1938 hu ħareġ ir-rumanz tiegħu Leli ta' Ħaż-Żgħir. Barra xi artikli popolari fil-gazzetti, Ellul Mercer stampa Taħt in-Nar fl-1949 li hu djarju ta' l-inċidenti li seħħew fit-tieni gwerra dinjija f'Malta u Għawdex.

## DE SOLDANIS

Fil-ħarġa ta' bini ġdid li hemm fin-naħa ta' Kenuna hemm triq imsemmija għal De Soldanis. Bir-raġun li sar dan meta tqis li skond il-Kan. Dun Karm Caruana - "In-Nadur u t-Tempju Tiegħu Monumentali" - omm dan il-prelat kienet min-Nadur.

Ġanpiet Franġisk Agius De Soldanis (1712-1770) kien storjografu li twieled Għawdex fil-31 ta' Ottubru.[3] Huwa ordna saċerdot u nħatar kanoniku kapitolari fil-Katidral ta' Malta. Kien filologu u arkeologu; kiteb dwar Għawdex u Malta u l-ilsien malti. Il-kitba tiegħu dwar il-filoloġija tal-kliem malti qanqlet polemiki kbar fost studjużi Franċiżi u ġie maqtugħ li bħalma l-ilsna Taljan, Spanjol, Franċiż mhumiex latini għad li mnisslin mil-Latin, hekk ukoll il-Malti, għad li mnissel mill-Għarbi mhux Għarbi. Huwa kien l-awtur ta' dizzjunarju puniku-malti u ħallielna teżor ta' pubblikazzjonijiet u manuskritti, fosthom "Il Gozo Illustrato" li ġie maqlub għall-malti minn Monsinjur Giuseppe Farrugia, Għawdxi. De Soldanis kien l-ewwel bibljotikarju tal-Bibljoteka ta' Malta. Jinsab midfun fil-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu l-belt Valletta.

## MONS. ĠORĠ PRECA

Trejqa li toħroġ minn triq Diċembru 13 iġġib l-isem ta' Dun Ġorġ Preca. Dan Dun Ġorġ (1880-1962) kien il-fundatur u direttur spiritwali tas-Soċjeta tad-Duttrina MUSEUM. Hu studja fil-Liceo u fis-Seminarju Arċiveskovili u fl-1905 ordna saċerdot minn idejn l-Arcipriet Mons. Pietro Pace.[4] Il-ħidma ewlenija tiegħu fil-qasam tas-saċerdozju kienet t-tagħlim tad-duttrina għaż-żgħar u għall-kbar. L-ewwel dar tat-tagħlim infetħet fl-1907 ħdejn il-knisja tal-Madonna s-Samra fi Triq Atoċja, il-Ħamrun. Il-lum ma hawnx belt jew raħal li ma għandhiex il-Museum tagħha (anke f'xi postijiet barra minn Malta nfetħu oqsma tas-soċjeta), b'għadd kbir ta' membri żgħar u kbar b'centru uffiċjali flok iċ-ċimiterju tal-Blata l-Bajda, il-Ħamrun fejn isir tagħlim ta' kuljum fuq is-Sagra Skrittura, domma, morali, vangeli, epistoli, axxetika, storja tal-Knisja u ħajja tal-qaddisin.

Il-membri huma kollha għożżieb u xebbiet. Dawn jingħarfu mill-badge li jilbsu bil-kelmiet "Verbum Dei Caro Factum Est" u l-għożżieb ma jilbsux ingravata u x-xebbiet ma jilbsux skullat. Din l-istituzzjoni twieldet fil-faqar u l-lum bil-ħidma, bix-xogħol u bil-għajnuna tal-ħbieb, il-lokali huma proprjetà tagħha. Għall-merti eċċezzjonali tiegħu, il-Papa Piju XII onorah b'titlu ta' Cameriere Secreto tal-Qdusija Tiegħu u b'dak ta' Monsinjur. Dun Ġorġ miet mewta ta' qaddis bħalma għex fis-16 ta' Lulju 1962; sarlu funeral rappreżentattiv nazzjonali u b'permess speċjali jinsab midfun fil-Kappella taċ-ċentru l-Blata l-Bajda. F'Diċembru 1964, saret talba għall-beatifikazzjoni tiegħu mill-għaqda Christus Rex. Tul ħajtu ħareġ għadd mhux ħażin ta' pubblikazzjonijiet reliġjużi.

## L-ISQOF MIKIEL BUTTIGIEG

Qrib in-Nadur Heights insibu triq li hi msemmija għall-Isqof Mikiel Franġisk Buttigieg (1793-1866). Dan kien l-ewwel isqof t'Għawdex u dam biss sentejn fil-kariga. Ġie mgħammed fil-parroċċa tan-Nadur. Hu studja fl-iskola primarja ta' l-istess raħal, fis-Seminarju Arciveskovili u fl-Università ta' Malta.[5] Ħa llawrja ta' duttur fit-teoloġija morali u d-dommatika u fid-divinità. Għal żmien qasir kien prokuratur tal-Knisja tan-Nadur u f'kemm dam f'din il-kariga, kif jingħad, Dun Mikiel ġabar il-ħbub kollha mir-raħal li l-fidili kienu jixħtu fis-satla tal-ġbir biex ma jibqgħux jiċċirkolaw u jerġgħu jixħtu fis-sasla tal-ġbir meta l-knisja kellha bżonn il-liri u mhux il-ħbub.

Fl-1823 ġie maħtur kappillan tax-Xagħra u fl-1848 Arċipriet tal-Matriċi, illum il-Katidral. Fl-1863 ġie kkonsagrat Isqof ta' Għawdex. Meta għamel l-ingress solenni tiegħu sarulu festi kbar u l-poplu Għawdxi, kif kien entużjażmat bl-erezzjoni tad-djoċesi l-ġdida, urieh sinjali ta' ferħ li bil-mod jintesgħu. Miet fit-12 ta' Lulju 1866, wara ħajja ta' umilta u tjieba ta' l-għaġeb.

*J. BORG ATTARD*

REFERENZI

(1) Nadur, Programm Souvenir 1968, paġna 21.
(2) (3) (4) u (5) Rob Mifsud Bonniċi: Dizzjunarju Bijo-Bibjografiku Nazzjonali.

**Comfort Plastic Covers ta' Għawdex**

**N.B. Qala Road, Nadur.**
**Tel: 553035 / 557396**

**ĦU ĦSIEB L-GĦAMARA TIEGĦEK**
**IKSIHA BIL-PLASTIC SLIP COVERS**

Iktar dettalji u prezzijiet mingħand
**JOHN XUEREB**
magħmulin minn nies b'aktar minn 20 sena esperjenza.

Għandna burdura ta' kuluri differenti u issa għandna Plastic ta' kuluri differenti.